



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2013/2098(INI)

16.10.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-marka ta' kwalità reġjonali: lejn l-aħjar prassi fl-ekonomiji rurali
(2013/2098(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Oldřich Vlasák

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jindika li l-marka ta' kwalità reġjonali hija partikolarment importanti għat-territorji lokali u l-ekonomiji rurali, peress li tenfasizza r-rabta ma' territorju speċifiku u b'valur f' termini tal-orijini tal-prodotti u s-servizzi, u trawwem l-iżvilupp ekonomiku reġjonali produttiv; hu tal-fehma li fi żminijiet ta' ekonomiji globalizzati, il-marki ta' kwalità reġjonali jistgħu jservu bħala promoturi sinifikanti tal-identità reġjonali, territorjali u lokali, li dwarha għandhom jipprovdu informazzjoni essenzjali, u jistgħu jikkontribwixxu għall-preservazzjoni, it-trażmissjoni u l-promozzjoni ta' tradizzjonijiet lokali u reġjonali, l-istorja u karatteristiċi speċifiċi għat-territorju, li se jgħin biex jitjiebu l-kompetittività u l-attrazzjoni ta' territorji rurali;
2. Huwa wkoll tal-fehma li l-marki reġjonali u d-denominazzjonijiet protetti mill-UE għandhom rwol speċifiku f'żoni b'ċerti limitazzjonijiet; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, ir-rwol ta' denominazzjonijiet ġodda, bħat-tikketta Ewropea introdotta riċentement għal prodotti agrikoli minn reġjuni muntanjużi; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi denominazzjoni simili għal prodotti minn żoni gżejjer; jenfasizza l-importanza tal-marki reġjonali għal setturi speċifiċi, bħal industriji kreattivi reġjonali fejn il-marki jistgħu jwasslu għall-ħolqien ta' prodotti kulturali ġodda bħala parti minn proċess ta' mmarkar ta' post, kif ukoll jikkontribwixxu għall-progress ekonomiku ta' dawk ir-reġjuni;
3. Jenfasizza n-natura trasversali u l-valur miżjud ta' marki ta' kwalità reġjonali li jappoġġaw prodotti agrikoli speċifiċi kif ukoll l-artiġjanat u l-ħiliet artiġjanali, u l-proċessi ta' produzzjoni speċifiċi; jenfasizza l-valur tal-kooperazzjoni bejn il-marki ta' kwalità reġjonali li hi bbażata fuq interazzjoni bejn ir-riżorsi kondiviżi bejn bosta marki reġjonali fil-livell lokali u reġjonali u fuq s-sinerġiji bejn marki reġjonali ġirien; jemmen li l-prodotti ta' marka reġjonali jistgħu jservu bħala prodotti ta' akkumpanjament tajba u gwidi għal servizzi oħra pprovduti fuq bażi rurali, bħat-turiżmu sostenibbli, l-akkomodazzjoni, is-servizzi tal-forniment tal-ikel eċċ.; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li approċċ integrat u olistiku għall-promozzjoni ta' prodotti b' marka reġjonali u l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell lokali u reġjonali, nazzjonali u Ewropew hu essenzjali; jemmen li għandu jingħata appoġġ sħiħ lit-titjib tal-kummerċjalizzazzjoni ta' marki reġjonali u l-indikazzjonijiet ġeografiċi tagħhom biex titjeb l-immaġni tagħhom kemm fl-UE kif ukoll barra minnha; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi evitat ir-riskju ta' konfużjoni bejn id-denominazzjonijiet ta' marki reġjonali użati għat-tikkettar ta' prodotti agrikoli u d-denominazzjonijiet ta' orijini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi attwali tal-UE fis-settur agroalimentari, għax il-prodotti b'denominazzjonijiet protetti jridu jissodisfaw kriterji speċifiċi stabbiliti mill-korpi regolatorji;
4. Jistieden lill-gruppi ta' azzjoni lokali, fil-qafas tal-programm Leader +, sabiex jippromwovu l-ħolqien ta' netwerk ta' kooperazzjoni bejn produttori lokali u reġjonali, fornituri ta' servizzi u istituzzjonijiet kulturali, bħal universitajiet, mużewijiet u ċentri ta' reċerka, sabiex jippermettu li l-aspetti kulturali u storiċi tat-territorju jkunu sintetizzati f' marka reġjonali li tista' toħloq rabtiet fit-tul bejn it-taħriġ, ir-riċerka u l-produzzjoni, u

b'hekk tiġġenera anke l-impjiegi;

5. Hu tal-fehma li l-marka ta' kwalità reġjonali, ibbażata fuq approċċ territorjali minn isfel għal fuq, tippromwovi kooperazzjoni u networks bejn id-diversi atturi ekonomiċi u l-organizzazzjonijiet soċjo-professjonali lokali, li bis-saħħa tagħhom huma jiżviluppaw, itejbu l-prodotti u s-servizzi tagħhom u jintroduċu proċessi iktar favorevoli għall-ambjent; jinsisti li r-rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema u l-konsiderazzjoni tal-impatti ambjentali huma aspetti partikolarment importanti għall-kriterju tal-kwalità;
6. Jistieden lill-Istati Membri u lill-entitajiet subnazzjonali jqisu b'mod xieraq l-immarkar ta' kwalità reġjonali u r-rwol tal-marki f'territorji rurali billi jinkluduhom fl-istrateġiji ta' żvilupp reġjonali u lokali tagħhom;
7. Hu tal-opinjoni li biex ikollhom suċċess, il-marki reġjonali għandhom bżonn massa kritika neċessarja ta' professjonisti u finanzjament biex ikunu jistgħu, fost affarijiet oħra, jiżviluppaw strateġiji tal-kummerċ biex itejbu l-preżenza tas-suq tagħhom fl-Ewropa u f'pajjiżi terzi; jitlob li jkun hemm appoġġ aqwa u aktar adatt mill-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment għall-marki reġjonali; jistieden lill-Istati Membri u lil korpi rilevanti oħra jappoġġaw dan l-approċċ fid-dokumenti ta' programmazzjoni tagħhom għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li ġej, inklużi l-programmi transkonfinali tagħhom; hu tal-fehma li għandhom jiġu introdotti passi addizzjonali għad-difiża ta' prodotti mmarkati, pereżempju miżuri li jipprevjenu l-ikkupjar jew konfużjoni ma' denominazzjonijiet protetti mill-UE tal-kwalità agroalimentari;
8. Jindika li biex jirnexxi l-finanzjament li jingħata mill-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, il-proċeduri amministrattivi rilevanti għall-benefiċjarji għandhom ikunu sempliċi, koerenti u ċari kemm jista' jkun;
9. Jemmen li sabiex ikun hemm dispożizzjoni għal aktar suċċess tal-marki ta' kwalità reġjonali, l-iskambju tal-esperjenzi, in-netwerking u sħubiji, kif ukoll il-patrimonju storiku, kulturali u simboliku ta' territorju, huma essenzjali; jagħraf ir-rwol ta' korpi rappreżentattivi, bħal assoċjazzjonijiet, fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew li jagħtu lok għall-promozzjoni ta' marki reġjonali u jtejbju u jsaħħu l-viżibbiltà tar-reġjun; jitlob li tingħata iktar attenzjoni lill-inizjattivi ta' marki reġjonali bħala tema komuni possibbli fil-kooperazzjoni territorjali Ewropea u l-inizjattivi ta' finanzjament Ewropew, u bħala għodda li tirrappreżenta investiment fil-vitalità fit-tul tal-kompetittività tar-reġjun.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	14.10.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Luís Paulo Alves, Francesca Barracciu, Victor Boştinaru, Nikos Chrysogelos, Danuta Maria Hübner, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Iosif Matula, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrea Cozzolino, Cornelia Ernst, Catherine Grèze, Karin Kadenbach, Maurice Ponga, Elisabeth Schroedter, Richard Seeber, Patrice Tirolien, Giommara Uggias, Derek Vaughan
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Edvard Kožušník